MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Numru. 898/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**ROLANDO CUSIMANO ta’ 66 sena, iben Guzeppe u Mirulla nee’ Rosalia, imwieled Palermo nhar it-02.09.1944, residenti fil-fond Kentucky Flats, Flat 5, Triq il-Harifa, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 15166A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **ROLANDO CUSIMANO** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fis-sena 2003 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1,000.00 bi hsara ta' Maria Anna Micallef detentrici tal-karta ta' l-identita' 118643M (dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli approprja ruhu minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha flejjes li jammontaw ghal Lm1,000.00 liema flejjes jappartjenu lill-istess Maria Anna Micallef (dan bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat li fi stadju ta' interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali taht liema skondtu hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe':
L-Artikoli 308, 309, 293, 294, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens ghal proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg xhieda principali f'din il-kawza fil-fatt huma l-parte leza u dak li qal l-istess imputat waqt l-

interrogazzjoni tieghu fi stat ta' investigazzjoni, allura fl-istqarrija tieghu prezentata mill-Ufficjal Prosekutur.

Ghalhekk Maryanne Micallef xehdet li kienet taf lill-akkuzat ghax kienet tiltaqa' mieghu fil-hanut ta' ohtha. Kienu jsellmu lil xulxin. Kien hawn li kien talabha Lm500.00 b'self – tathomlu. Qalet illi gibdithom mill-bank u tathomlu cash. Xehdet illi wara hmistax-il gurnata taha lura Lm200.00. Ghalhekk baqaghla tiehu bilanc ta' Lm300.00. Xehdet ukoll li wara kienu qeghdin jitkellmu u qallha dwar kuntratt gewwa Manoel Island. Semmielha l-kelma tender u wrieha xi karti – hafna karti, pero hi taghhom ma ratx id-dettalji. Rat fuq dawn il-karti pjanijiet ghal lifts. Anke offrietlu garaxx biex idahhal id-dghajsa tieghu – hekk ghamel. Dan bla hlas.

Meta wrieha t-tender qallha wkoll Lm1,000.00. Tatu Lm700.00. Bhala garanzija taha cheque ta' Lm500.00 (ezebiet bhala Dok MM1 folio 25). Tatu is-Lm700.00. Qallha wkoll li d-dghajsa kellha taghmel tajjeb ghal Lm1,000.00 dovuti jekk kien jigrilu xi haga. Qatt ma tatu terminu ta' hlas. Qalet li f'daqqa wahda dahlet fil-garaxx u ma sabitx id-dghajsa. Qalet li kienet iccempillu, kienet tistaqsieh ghall-flus u kien jghidilha li kien ser jaghtihomla. Pruvat anke ssarraf ic-cheque lilha moghti bla success.

In kontro ezami qalet li kienet hi li offriet lill-akkuzat l-uzu tal-garaxx, bla flus. Talabha f'self is-somma ta' Lm500.00, tathomlu cash. Tathomlu ghax qallha li kien ser ihallasha fi zmien qasir. Kienet taf f'dan l-istadju li kien jahdem fil-lifts, cioe' xoghol relatat mal-lifts. Kellimha fuq xoghol li kellu jiehu mill-Libja u li ghalhekk ried jaghti l-flus inkella kien jitlef dan ix-xoghol. Dan hi fehmitu ghax anke hi kienet tahdem mal-Libja b'dan il-mod. Kien hawn li rat bizzejjed karti biex tikkonvinci ruhha dwar dan ix-xoghol. Tghid li aktar ma tatx kaz.

Ikkonfermat illi qatt ma ftehmu fuq modalitajiet ta' hlas. Qalet ukoll li cemplitlu kemm-il darba pero ma bediex jirrispondieha. Ikkonfermat ukoll illi qatt ma cahhadha minn flusha.

Spjegat illi hi meta bdiet tahdem mal-Libja sabet min ghenha bi flus u ghalhekk ghenet lill-akkuzat.

Minn naha tieghu, fl-istqarrija minnu rilaxxata, l-akkuzat ikkonferma li sar jaf lil Mary Micallef f'Ta' Katrina. Ikkonferma li hu ssellef minghand Micallef is-somma ta' Lm500.00 li minnhom taha lura s-somma ta' Lm200.00. Ikkonferma li aktar tard talabha s-somma ta' Lm700.00 u li kellu jaghtieha lura s-somma ta' Lm1,000.00. Ikkonferma li talabha s-somma ta' Lm700.00 ghax kellu progett gewwa Manuel Island li ghalih ried il-flus. Ikkonferma li ta lil Micallef cheque bhala garanzija tal-flus li selfitu.

Ikkonferma li hu talab lil Micallef flus biex juza l-istess ghal tender, pero spicca juza l-istess flus ghal skop iehor, cioe' biex ihallas spejjez ta' van second-hand u dejn iehor zghir li kellu.

Qal ukoll li kif kien ser jircievi l-pensjoni mill-Italja, kellu jhallas lil Mary Micallef immedjatament.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi addebitati lil Rolando Cusimano huma primarjament dawk ta' truffa semplici u aggravata.

Issa ex admissis l-imputat ammetta li hu kien issellef flejjes – almenu fejn jirrigwardja s-Lm700.00, li kellu juza biex jiehu tender – pero uza l-istess flus ghal skop iehor. Fil-fatt Micallef tat dawn il-flus lill-imputat ghax fehmet id-diffikultajiet li kellu u ghaliex rat fi kliemha bizzejjed karti li kkonvincewha fuq dan il-progett.

Pero minn imkien mill-fatti esposti ma jirrizulta li l-imputat b'xi mod uza xi raggiri jew xi messa in scena biex jikkonvinci lil Micallef taghtih b'self il-flus imsemmija. Lanqas ma jirrizulta xi qerq semplici biex jigi ppruvat ir-reat taht l-Artikolu 309.

Konsegwentement, l-imputat ghandu jigi liberat mir-reati taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra, certament Rolando Cusimano rcieva flus minghand Micallef dejjem bl-obbligu tar-radd ta' l-istess lil Micallef – nonostante cio', anke wara li ghadda ammont sostanzjali ta' zmien, baqa' inadempjenti mal-hlas. Oltre dan, fil-konfront tas-seba' mitt lira Maltin, spicca uza l-istess ghal skop iehor minn dak li ghalih gew moghtija lilu.

Ghalhekk, il-Qorti thoss li nonostante l-fatt illi l-akkuzat jidher li wera ntenzjoni li jrodd lura l-flus lilu mislufa – dan baqa' ma sarx – qieghda ssibu hati tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat, li hija wahda ghal kollox netta, tqis illi l-imputat ghandu jbaghti piena karcerarja sospiza ta' sena (1) ghal sentejn (2), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u taghmel Ordni ta' Restituzzjoni fuq l-akkuzat a favur ta' Mary Micallef versu l-ammont ta' Lm1,000.00 ekwivalenti ghal €2,330, liema restituzzjoni ghandha ssir fi zmien sitt(6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------